MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 185/1991/1

**Lawrence Ciantar għan-nom u in rappreżentanza ta' l-*Enemalta Corporation***

***Versus***

**Carmelo Galea**

F'din il-kawża l-korporazzjoni attriċi qiegħda tfittex għad-danni wara illi l-konvenut għamel ħsara f'*high tension cable*.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-12 ta' Settembru 1989, waqt illi kien qiegħed iħaffer fi Triq San Ġwakkin, limiti ta' Ħal Qormi, il-konvenut laqat *high tension cable* tal-korporazzjoni attriċi u għamel ħsara ta' tmien mija u għoxrin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm820.86). Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għall-ħsara fil-*high tension cable* ta' l-attriċi, tikkundannah iħallas id-danni ta' tmien mija u għoxrin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm820.86), flimkien mill-imgħax minn dakinhar

meta saret il-ħsara sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra legali tat-12 ta' Ġunju 1990 u ta' ittra uffiċjali tat-8 t'Awissu 1990.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi hu għamel ix-xogħlijiet kif iridu s-sengħa u l-arti, u skond direttivi li tawh rappreżentanti tal-korporazzjoni attriċi; barra minn hekk, id-danni mitluba huma wisq.

B'dikriet tat-30 ta' Mejju 1991 il-qorti ħatret perit tekniku biex jirrelata dwar il-każ; il-perit, wara li żamm tnejn u għoxrin seduta li matul sitta minnhom sema' wkoll xi xhieda, irrelata fid-9 ta' Ottubru 2003.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk.

Il-konvenut kellu kuntratt biex iqatta' trinek f'Ħal Qormi. Billi f'dawk l-inħawi, minn taħt it-triq fejn kellhom jitqattgħu t-trinek, kien għaddej *cable* ta' l-attriċi, l-attriċi bagħtet impjegat tagħha, ċertu Joseph Calleja, biex juri lill-konvenut mnejn kien għaddej il-*cable* sabiex ma jolqtux waqt it-tqattigħ. Calleja kellu pjanta li turi r-rotta tal-*cable*, iżda biex isib il-*cable* fiżikament ordna illi l-konvenut jagħmel *pilot holes* imbegħdin minn xulxin xi ħamsa u għoxrin pied, u b'dan il-mod setgħu jaraw iċ-ċangatura li tgħatti l-*cable*. Immexxi b'dawn il-*pilot holes*, Calleja seta' jmexxi lill-konvenut biex iħaffer it-trinka bla problemi. Skond il-pjanta li kellu Calleja, il-*cable* f'xi post ma kienx miexi dritt iżda kien jikser 'il barra. Fil-fatt waqt it-tħaffir instab il-post fejn il-*cable* kien joħroġ 'il barra għalkemm kien aktar 'il hawn mill-post muri fuq il-pjanta; madankollu, billi l-*pilot holes* kienu juru l-*cable* fuq il-post aħjar mill-pjanta, u t-tħaffir kien qiegħed isir bil-galbu, il-*cable* ma ntlaqatx.

Dak iż-żmien il-ħaddiema ta' l-attriċi kienu bin-nofs ta' nhari, u biex iżomm lil Calleja miegħu wara nofs in-nhar il-konvenut kellu jħallas bis-sahra. Meta għadda n-nofs ta' nhar ta' filgħodu, Calleja telaq minn fuq il-post. Il-konvenut qal illi telaq biex "imur jiekol biċċa ħobż"[1]; Calleja l-ewwel qal illi telaq wara li staqsa lill-konvenut jekk hux sejjer jaħdem wara nofs in-nhar u l-konvenut qallu li le, u għalhekk hu ma kellux għalfejn jibqa' fuq il-post[2], iżda wara qal illi qabel ma telaq staqsa lill-konvenut

---

[1] *Fol*. 141.
[2] *Fol*. 145.

ridux jibqa' miegħu u l-konvenut wieġeb illi ma kellux għalfejn għax seta' jimxi mingħajru[3].

Kienet x'kienet ir-raġuni għala telaq Calleja, il-konvenut baqa' jaħdem mingħajru u malajr laqat il-*cable.* Għamel ħsara li, biex imbagħad sewwietha l-attriċi, ġiet tiswa tmien mija u għoxrin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm820.86).

Il-perit imqabbad mill-qorti sab illi l-biċċa l-kbira tal-ħtija taqa' fuq l-attriċi għax il-pjanti tagħha ma kinux juru sew fejn qiegħda l-*cable*.

Il-qorti iżda hija tal-fehma illi, ladarba l-pjanta kienet f'idejn l-impjegat ta' l-attriċi u mhux f'idejn il-konvenut, il-konvenut kellu, u fil-fatt kien qiegħed, jieħu direzzjonijiet mingħand l-impjegat ta' l-attriċi u mhux minn fuq il-pjanta. Fil-fatt, sakemm kien qiegħed imexxih l-impjegat ta' l-attriċi, il-konvenut mexa sew u ma għamilx ħsara. Mexa ħażin hekk kif kompla jaħdem għal rasu u għalhekk meta kien ħa fuqu r-responsabbiltà li jsib il-*cable* biex ma jolqothiex.

Mexa ħażin ukoll iżda l-impjegat ta' l-attriċi meta dan qagħad fuq il-kelma tal-konvenut li "seta' jimxi" mingħajru. Hawnhekk għandu jingħad illi l-konvenut u martu xehdu illi kienu ħallsu biex l-impjegat ta' l-attriċi jibqa' magħhom bis-sahra wara nofsinhar, iżda l-qorti hija konvinta illi li kieku dan kien minnu l-konvenut ma kienx sejjer ma jippreżentax ir-riċevuta tal-ħlas u kien jinsisti illi, la ħallas għalih, l-impjegat ta' l-attriċi jibqa' miegħu biex ir-responsabbiltà dwar il-pożizzjoni tal-*cable* teħodha l-attriċi, mhux hu.

F'kull każ, għamel ħażin l-impjegat ta' l-attriċi li ħalla lill-konvenut jaħdem mingħajru, u għamel ħażin il-konvenut li kompla jaħdem waħdu meta ma kellux l-impjegat ta' l-attriċi biex imexxih, u ħadem fil-għama għax lanqas *pilot holes* ma kellu.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-ħtija taqa' fuq iż-żewġ partijiet f'ishma ndaqs.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi l-konvenut għandu nofs il-ħtija għal dak li ġara, u tillikwida d-danni fis-somma ta' tmien mija u għoxrin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm820.86) b'kollox, tikkundanna

---

3 *Fol*. 150.

lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' erba' mija u għaxar liri u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm410.43), flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.
L-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------